# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council

**Minuti tal-35 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tlieta 14 ta' Diċembru 2021 fil-5:30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Omar Farrugia | Sindku |
| Grace Marie Zerafa | Viċi-Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Henry Zaffarese | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa.

35.01 **Talba**

35.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

35.02 **Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

35.02.01 Is-S.E. nforma li kien ma kienx hemm apoloġiji.

35.03 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa nru 34**

35.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa nru 34 ġew approvati unanimament. Il-Kunsillier Sciberras ippropona u s-Sindku issekonda.

35.04 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

35.04.01 Is-Sindku spjega li qabel ma nordnaw il-fanali l-ġodda għal Triq Karmenu Ciantar, ikun aħjar jekk nikkonfermaw mal-Perit Briffa ta' IM li dawn il-bankini ser jibqgħu aċċessibbli skont il-liġi għal min juża siġġu tar-roti jew *pushchair*. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

35.04.02 Is-Sindku spjega li kien tkellem mas-Sur Aquilina rigward il-*Mobile App* li kien tkellem fuqha fl-aħħar laqgha u s-Sur Aquilina kien infurmah li kien ser jibni l-qafas hu imbagħad jitkellem mal-Kunsill wara li jgħaddu l-festi.

35.04.03 Is-Sindku nforma li x-xogħlijiet fi Triq George Martin u Triq Valletta (Triq tas-Siġar) li kienu qed isiru minn IM kienu tlestew. Huwa qal li konna għadna qed nistennew *feedback* rigward il-Ħajt tal-Matla.

35.04.04 Rigward Triq tal-Isqof is-Sindku spjega li x-xogħol kien miexi b'ritmu mgħaġġel u li x'aktarx li x-xogħlijiet ikunu tlestew sa qabel il-festi. Huwa nforma wkoll li kien ser jinbidel il-*fence* ukoll.

35.04.05 Is-Sindku spjega li qabel ma jsir ix-xogħol fuq il-kamra fil-Ġnien tal-Mentna kien hemm bżonn li l-Perit jagħmel DNO mal-PA. Din għandha ssir fil-ġranet li ġejjin. Ġew ippreżentati t-3 *quotations* li konna rċivejna mingħand *designers* sabiex isir id-disinn tal-Ġnien ta' fuq il-Ġibjun u ġie unanimament deċiż li tingħażel l-orħos waħda. Kien hemm qbil li għanda ssir laqgħa mad-*designer* sabiex nispjegawlu l-idejat tagħna.

35.04.06 Is-Sindku ppropona li jitqabbad kuntrattur sabiex idur il-ġonna sakemm jinħareġ it-*tender* il-ġdid. Il-Viċi-Sindku ssuġġeriet li nkellmu lill-FTZD li fil-passat kienu għamlu xi xogħol fi Ġnien Misraħ il-Missjoni u s-Sindku offra li jkellem lil xi ħadd hu. Hija saħqet illi t-*tender* għandu joħroġ malajr kemm jista' jkun għaliex issa għaddew xhur u dan it-*tender* baqa' ma ħariġx.

35.04.07 Is-Sindku semma li wara li kien tkellem ma uffiċċjali minn IM, dawn kienu ser jieħdu ħsieb jirranġaw xi problemi li kienu qed jiġi kkawżati mill-ilma tax-xita fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija u fi Triq Valletta.

35.05 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

35.05.01 Il-Viċi-Sindku talbet sabiex tinħareġ *Default Notice* lill-kuntrattur li jiġbor l-iskart wara li dan kien inqabad jgħaddi xi boroż tal-iskart lil terzi. Dwar dan kien hemm qbil.

35.05.02 Il-Viċi-Sindku qajjmet l-*issue* dwar x'jiġri meta l-iskrivana li normalment tiftaħ l-uffiċċju tkun bil-*leave* jew bis-*sick*. Is-S.E. informa li sakemm jasal hu jew l-iskrivana l-oħra, l-uffiċċju kien qed jinfetaħ minn ħaddiem tal-*Community Work Scheme*. Wara diskussjoni kien hemm qbil li f'ċirkostanzi simili, s-S.E. għandu jiftaħ l-uffiċċju hu fit-8.00am peress li l-ħaddiem ma jistax joffri servizz komplut lir-residenti.

35.05.03 Il-Kunsillier Sciberras qajjem l-*issue* dwar bozoz li kienu mwaħħla ma residenzi privati fi Triq tas-Sigar u li issa wara li tlesta l-proġett m'għandhomx imqabbda. Is-Sindku spjega li min naħa tal-Kunsill ma seta' jsir xejn peress li jidher li l-bozoz imsemmija ma kienux twaħħlu b'mod regolari.

35.05.04 Il-Kunsillier Sciberras ġibed l-attenzjoni dwar il-fatt li parti minn Triq it-Torri Vincenti kienet fid-dlam u ġie deċiż li jsir rapport lill-Enemalta dwar dan.

35.06 **Ħruġ ta' Offerti**

35.06.01 Is-S.E. informa li kien tkellem ma xi kollegi dwar persuna li setgħet tieħu ħsieb it-*tenders* fuq is-sistema tal-epps u kien hemm qbil li għandu javviċinah sabiex naraw jekk din il-persuna kienitx f'pożizzjoni tieħu ħsieb it-*tenders* tagħna.

35.07 **Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

35.07.01 Korrispondenza mingħand il-*Freedom to Live* fejn konna ġejna infurmati li t-talba tagħna sabiex issir bandla fi Ġnien Tfal ir-Raħal li takkomoda siġġu tar-roti kienet intlaqgħet però, l-ammont li konna ser nirċievu kien biss ta' € 3,000 u dan kien iffisser li l-Kunsill kien ser ikollu joħroġ madwar € 4,000 sabiex issir din il-bandla. Ġie unanimament deċiż li għandna niktbu lura u ninfurmawhom li bl-ammont allokat, kien ser ikun impossibbli li l-Kunsill jagħmel il-bandla.

35.07.02 Korrispondenza mingħand il-Greenpak fejn ġejna nfurmati li l-*Bring in-Site* li kien hemm viċin il-Ġnien tal-Mentna kienet tneħħiet peress li l-kumpanija ma kellix iktar reċipjenti bħal ma kien hemm fuq il-post.

35.07.03 Korrispondenza mingħand is-Sur Michael Cachia tal-*Malta Libraries* sabiex il-Kunsill jagħmel għotja ta' kotba lil librerija lokali. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li s-Sur Cachia jiġi nfurmat li l-Kunsill kien qed jalloka s-somma ta' € 600 għal dan il-għan.

35.07.04 Korrispondenza mingħand ir-Regjun Nofsinhar fejn ġejna nfurmati li r-Regjun kien qed jalloka €1,000 għat-tiżjin tal-Milied.

35.07.05 Korrispondenza mingħand il-kuntrattur tal-Ġbir tal-Iskart fejn ġejna nfurmati li jekk il-Greenpak ma kienitx ser tgħaddi xi flus dovuti lilu għall-ġbir tal-iskart *recyclable* b'effett mill-1 ta' Jannar 2022.

35.07.06 Korrispondenza mingħand Noel Castillo fejn ġie kkonfermat li l-attività ta' Santa Klaws fuq l-islitta li jdur mar-raħal kienet ser issir fit-28 ta' Diċembru. Ġie deċiż ukoll li għandha ssir il-Quddiesa ta' Ringrazzjament fil-bidu tas-sena u wara jsir riċeviment żgħir għall-għaqdiet, kif ukoll li bħal snin preċedenti ssir l-ikla għall-membri tal-Kunsill u l-istaff.

35.07.07 Korrispondenza mingħand il-persuna responsabbli mill-ġemellaġġi tal-villaġġ Homps fi Franza sabiex jesplora l-possibilità li jsir ġemellaġġ bejn iż-żewġt irħula. Ġie deċiż li l-Kunsill għandu jiltaqa' ma' din il-persuna waqt li jkun Malta sabiex isir jaf iktar fuq din l-inizjattiva.

35.07.08 Korrispondenza mingħand Annalise Duca dwar sessjonijiet ta' taħriġ għall-impjegati dwar l-użu tas-sistema *Online Permit System* li ser tibda fl-1 ta' Frar 2022.

Is-S.E. informa li waqt is-sagħtejn ta' dan it-taħriġ, l-uffiċċju tal-Kunsill kien ser ikun magħluq.

35.08 **Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2022 (*Draft*)**

35.08.01 Peress li kopja ta' dawn l-Estimi Finanzjarji (*draft*) kienet tqassmet lill-Kunsillieri minn qabel, dan ġie approvat b'xi tibdil żgħir kif suġġerit mill-Viċi-Sindku. Il-verżjoni finali għandha tiġi approvata ladarba jkun magħruf l-ammont allokat għas-sena 2022.

35.09 **Rapport Sotto-Kumitat Tiżjin**

35.09.01 Il-Kunsillier Dingli spjega li l-armar kien weħel u mixgħul kif ippjanat. Huwa ta' spjega dwar kont ta' materjal li kien inxtara minn ħanut taż-żebgħa lokali fejn spjega li l-materjal mixtri kien neċessarju sabiex il-fustun tal-Kunsill ikun jista' jitqabbad u jixgħel kif suppost. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jieħu kunsiderazzjoni ta'spejjez simili għall-fustun li għandu jsir għal Triq Karmenu Ciantar.

35.10 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti nru 08/35**

35.10.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/35 ġiet approvata unanimament.

35.10.02 Il-lista tal-infieq mill-*Petty Cash* li sar matul Novembru 2021 ġiet approvata unanimament.

35.11 **Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

35.11.01 Il-laqgħa ntemmet fis-7:15 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta 18 ta' Jannar fil-5:00 pm

Konfermati illum it-Tlieta 18 ta' Jannar 2022.

| | |
|---|---|
| Omar Farrugia<br>Sindku | Fabian Mizzi<br>Segretarju Eżekuttiv |